Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-11 ta' Diċembru 2019[1]

**Kawża C-667/18**

**Orde van Vlaamse Balies,**
**Ordre des barreaux francophones et germanophone**
**vs**
**Ministerraad**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2009/138/KE – Assigurazzjoni għall-ispejjeż legali – Għażla libera tal-avukat jew ta' rappreżentant mill-persuna assigurata – Proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva – Kunċett – Medjazzjoni ġudizzjarja jew extra ġudizzjarja"

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)[2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat mill-Ordre van Vlaamse Balies u mill-Ordre des barreaux francophones et germanophone (iktar 'il quddiem il-"Kmamar tal-Avukati") intiż għall-annullament tal-wet tot wijziging van de wet van 4 April 2014 betreffende de verzekeringen en ertoe strekkende de vrije keuze van een advocaat of iedere andere persoon die krachtens de op de procedure toepasselijke wet de vereiste kwalificaties heeft om zijn belangen te verdedigen in elke fase van de rechtspleging te waarborgen in het kader van een rechtsbijstandsverzekeringsovereenkomst (Liġi li temenda l-Liġi tal-4 ta' April 2014 dwar l-assigurazzjonijiet u intiża sabiex tiggarantixxi l-għażla libera ta' avukat jew ta' kwalunkwe persuna oħra li għandha l-kwalifiki rikjesti mil-liġi applikabbli għall-proċedura sabiex tiddefendi l-interessi tagħha f'kull fażi ġudizzjarja, fil-kuntest ta' kuntratt ta' assigurazzjoni tal-ispejjeż legali)[3], tad-9 ta' April 2017.

3. Ir-rikors tal-Kmamar tal-Avukati jirrigwarda l-estensjoni, mil-leġiżlatur Belġjan, fir-rigward tal-proċedura ta' arbitraġġ u mhux tal-proċedura ta' medjazzjoni, tal-għażla libera ta' avukat jew ta' rappreżentant mill-persuna assigurata għall-ispejjeż legali.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU 2009, L 335, p. 1.

3 *Belgisch Staatsblad*, 25 ta' April 2017, p. 53207, iktar 'il quddiem il-"Liġi tad-9 ta' April 2017".

4. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) tistaqsi jekk il-proċedura ta' medjazzjoni, kemm jekk ġudizzjarja jew extra ġudizzjarja, prevista mid-dritt Belġjan, taqax fil-kunċett ta' "inkjesta [proċedura ġudizzjarja]" fis-sens tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138.

5. Fi tmiem l-argumenti tiegħi, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fl-affermattiv għal din id-domanda. Qabel kollox, ser infakkar in-natura awtonoma tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, li jirrigwarda l-għażla libera tal-avukat minn persuna assigurata, meta mqabbel mal-Artikolu 198(1) ta' din id-direttiva, li jistipula t-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż li jirriżulta minnha. Sussegwentement, ser nirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-drittijiet tal-persuna assigurata għall-ispejjeż legali u, b'mod iktar partikolari, għal dik dwar il-kunċett ta' "proċedura amministrattiva" u għall-elementi utili għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja". Finalment, ser nislet il-konsegwenzi billi nieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-medjazzjoni, skont l-għanijiet imfittxija mill-istess direttiva.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva 87/344/KEE abrogata*

6. Id-Direttiva tal-Kunsill 87/344/KEE, tat-22 ta' Ġunju 1987, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali[4], li ġiet abrogata bid-Direttiva 2009/138[5], kienet tipprevedi, fl-Artikolu 4(1)(a) tagħha:

"1. Kull kuntratt ta' assigurazzjoni ta' spejjiż legali għandu espressament jirrikonoxxi li:

a) meta jsir rikors lil avukat jew persuna oħra kkwalifikata kif approprjat skond il-liġi nazzjonali sabiex jiġu difiżi, irrappreżentati jew servuti l-interessi tal-persuna assigurata f'kull inkjesta jew proċedura, dik il-persuna assigurata għandha tkun libera li tagħżel dan l-avukat jew persuna oħra."

#### *2. Id-Direttiva 2009/138*

7. Il-premessa 16 tad-Direttiva 2009/138 tipprevedi:

"L-għan ewlieni tar-regolamentazzjoni tal-assigurazzjoni u r-rijassigurazzjoni u tas-superviżjoni huwa l-ħarsien adegwat tat-titolari tal-polza u tal-benefiċjarji. It-terminu benefiċjarju għandu jkopri kwalunkwe persuna naturali jew legali li tkun intitolata għal dritt skont kuntratt ta' assigurazzjoni. L-istabbiltà finanzjarja u s-swieq ekwi u stabbli jikkostitwixxu għanijiet oħra tar-regolamentazzjoni u tas-superviżjoni tal-assigurazzjoni u tar-rijassigurazzjoni, li għandhom ukoll jitqiesu mingħajr ma jittieħed mill-importanza tal-għan ewlieni."

4 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 187.
5 Ara l-Artikolu 310 tad-Direttiva 2009/138.

8. It-titolu II ta' din id-direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni", jinkludi Kapitolu II, dwar id-"[d]ispożizzjonijiet speċifiċi għall-assigurazzjoni mhux tal-ħajja", li fih it-taqsima 4, intitolata "L-assigurazzjoni tal-ispejjeż legali", tinkludi l-Artikoli 198 sa 205[6].

9. L-Artikolu 198 tal-imsemmija direttiva, intitolat "L-ambitu ta' din it-Taqsima", jipprevedi, fil-paragrafu 1:

"Din it-Taqsima għandha tapplika għall-assigurazzjoni tal-ispejjeż legali msemmija fil-klassi 17 tal-Parti A tal-Anness I, li tistabbilixxi li impriża assigurattriċi twiegħed, bil-pagament ta' premium, li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' proċeduri legali u li jiġu pprovduti servizzi oħrajn direttament marbuta mal-kopertura tal-assigurazzjoni, partikolarment bl-iskop tas-segwenti:

[...]

b) id-difiża jew ir-rappreżentanza tal-persuna assigurata fi proċeduri ċivili, kriminali, amministrattivi jew proċeduri oħrajn fir-rigward ta' kull talba magħmula kontra dik il-persuna."

10. L-Artikolu 200(1) u (4) tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi:

"1. L-Istat Membru ta' domiċilju għandu jiżgura li l-impriżi tal-assigurazzjoni jadottaw, skont l-għażla tal-Istat Membru, jew l-għażla tagħhom, fejn l-Istat Membru jaqbel, mill-anqas wieħed mill-metodi għat-trattament tal-klejms stabbiliti bl-Artikolu 2, 3 u 4.

Indipendentement mis-soluzzjoni adottata, l-interess tal-persuni li jkollhom kopertura ta' spejjeż legali għandu jitqies bħala salvagwardat b'manjiera ekwivalenti skont din it-Taqsima.

[...]

4. Il-kuntratt għandu jipprovdi li l-persuni assigurati jistgħu jafdaw id-difiża tal-interessi tagħhom, lil avukat tal-għażla tagħhoma jew, safejn tippermetti l-liġi nazzjonali, lil xi persuna oħra adegwatament ikkwalifikata, mill-mument li dawk il-persuni assigurati jkollhom id-dritt li jagħmlu talba taħt dak il-kuntratt."

11. L-Artikolu 201 ta' din id-direttiva intitolat "L-għażla ħielsa tal-avukat", jipprevedi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu:

"1. Kull kuntratt tal-assigurazzjoni ta' spejjeż legali għandu espressament jipprovdi li:

a) meta wieħed jirrikorri għand avukat jew persuna oħra kkwalifikata kif xieraq skont il-liġi nazzjonali sabiex jiġu difiżi, irrappreżentati jew imħarsa l-interessi tal-persuna assigurata f'kull inkjesta [proċedura ġudizzjarja] jew proċedura [amministrattiva], dik il-persuna assigurata għandha tkun libera li tagħżel dan l-avukat jew persuna oħra."

6 Dawn id-dispożizzjonijiet daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, bis-saħħa tad-Direttiva 2012/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Settembru 2012 li temenda d-Direttiva 2009/138/KE (Solvibbiltà II) rigward id-data tat-traspożizzjoni tagħha u d-data tal-applikazzjoni tagħha, u d-data tat-tħassir ta' ċerti Direttivi (ĠU 2012, L 249, p. 1), imbagħad tad-Direttiva 2013/58/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li temenda d-Direttiva 2009/138/KE (Solvenza II) rigward id-data tat-traspożizzjoni tagħha u d-data tal-applikazzjoni tagħha, u d-data tat-tħassir ta' ċerti Direttivi (Solvenza I) (ĠU 2013, L 341, p. 1).

***B. Id-dritt Belġjan***

*1. Il-Liġi dwar l-assigurazzjonijiet qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tad-9 ta' April 2017*

12. Sakemm daħlet fis-seħħ il-Liġi tad-9 ta' April 2017, l-Artikolu 156(1) tal-wet betreffende de verzekeringen (Liġi dwar l-assigurazzjonijiet) [7], tal-4 ta' April 2014, kien redatt kif ġej:

"Kull kuntratt tal-assigurazzjoni ta' spejjeż legali għandu espressament jipprovdi tal-inqas li:

1° meta jkun hemm bżonn li tintuża proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva, il-persuna assigurata għandha tkun libera li tagħżel sabiex jiddefendi, jirrappreżenta jew iħares l-interessi tagħha, lil avukat jew kwalunkwe persuna oħra li għandha l-kwalifiki rikjesti mil-liġi applikabbli għall-proċedura."

*2. Il-Liġi tad-9 ta' April 2017*

13. L-Artikolu 2 tal-Liġi tad-9 ta' April 2017 jipprevedi:

"Fl-Artikolu 156 tal-liġi [...] dwar l-ispejjeż legali, l-ewwel paragrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

'1° il-persuna assigurata hija libera li tagħżel, meta jkun hemm il-bżonn li tirrikorri għal proċedura ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrarja, lil avukat jew kwalunkwe persuna oħra li għandha l-kwalifiki rikjesti mil-liġi applikabbli għall-proċedura sabiex tiddefendi, tirrappreżenta u tħares l-interessi tagħha u, fil-każ ta' arbitraġġ, ta' medjazzjoni jew ta' xi mezz ieħor mhux ġudizzjarju ta' riżoluzzjoni ta' tilwim rikonoxxut, lil persuna li għandha l-kwalifiki rikjesti u maħtura għal dan il-għan;'."

*3. Il-Kodiċi Ġudizzjarju*

14. Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Gerechtelijk Wetboek (Kodiċi Ġudizzjarju), kif emendat fl-aħħar lok mill-wet houdende diverse bepalingen inzake burgerlijk recht en bepalingen met het oog op de bevordering van alternatieve vormen van geschillenoplossing (Liġi dwar diversi dispożizzjonijiet fil-qasam tad-dritt ċivili u ta' dispożizzjonijiet li jippromwovu forom alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim) [8], tat-18 ta' Ġunju 2018, jipprevedi żewġ forom ta' medjazzjoni, jiġifieri l-extra ġudizzjarja jew ġudizzjarja, irregolati, fil-każ tal-ewwel, fl-Artikoli 1730 sa 1733 ta' dan il-Kodiċi u, fir-rigward tat-tieni, fl-Artikoli 1734 sa 1737 tal-imsemmi Kodiċi. Il-prinċipji ġenerali huma stipulati fl-Artikoli 1723/1 sa 1729 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

*a) Il-prinċipji ġenerali*

15. Skont l-Artikolu 1723/1 tal-Kodiċi Ġudizzjarju:

"Il-medjazzjoni hija proċess kunfidenzjali u strutturat ta' djalogu volontarju bejn partijiet f'kunflitt li jsir bil-parteċipazzjoni ta' terz indipendenti, newtrali u imparzjali li jiffaċilita l-komunikazzjoni u jipprova jressaq lill-partijiet sabiex ifasslu soluzzjoni huma stess."

7 *Belgisch Staatsblad*, 30 ta' April 2014, p. 35487.

8 *Belgisch Staatsblad*, 2 ta' Lulju 2018, p. 53455. Din il-liġi daħlet fis-seħħ, fir-rigward tal-medjazzjoni, fit-12 ta' Lulju 2018.

16. L-Artikolu 1729 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi:

"Kull parti tista' f'kull mument ittemm il-medjazzjoni, mingħajr ma dan jikkawżalha preġudizzju."

*b) Il-medjazzjoni extra ġudizzjarja*

17. L-Artikolu 1730(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi:

"Kull parti tista' tipproponi lill-partijiet l-oħra, indipendentement minn kull proċedura ġudizzjarja jew ta' arbitraġġ, qabel, matul u wara proċedura ġudizzjarja, sabiex jirrikorru għall-proċess ta' medjazzjoni. Il-partijiet jagħżlu l-medjatur bi qbil bejniethom jew jinkarigaw lil terz għal dan ir-rwol."

18. Skont l-Artikolu 1731(1) u (3) ta' dan il-kodiċi:

"§ 1. Il-partijiet għandhom jiddefinixxu bejniethom, bl-għajnuna tal-medjatur, il-modalitajiet ta' organizzazzjoni tal-medjazzjoni u t-tul tal-proċess. Dan il-qbil isir bil-miktub fi ftehim ta' medjazzjoni ffirmat mill-partijiet u mill-medjatur. L-ispejjeż u d-drittijiet tal-medjazzjoni jinqasmu bejn il-partijiet b'mod ugwali, ħlief jekk jiddeċiedu mod ieħor.

[…]

§ 3. Il-firma tal-ftehim tissospendi l-preskrizzjoni matul il-medjazzjoni."

19. L-Artikolu 1732 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"Meta l-partijiet jaslu għal ftehim ta' medjazzjoni, dan isir bil-miktub, jiġi ddatat u iffirmat minnhom u mill-medjatur. Jekk ikun il-każ, jissemma li l-medjatur ikun qed jaqbel.

Dan id-dokument jinkludi l-impenji partikolari meħuda minn kull parti."

20. L-Artikolu 1733 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi:

"F'każ ta' qbil, u jekk il-medjatur li mexxa l-medjazzjoni huwa awtorizzat mill-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 1727 [tal-Kodiċi Ġudizzjarju], il-partijiet jew waħda minnhom jistgħu jissottomettu l-ftehim ta' medjazzjoni miksub skont l-Artikoli 1731 u 1732 [ta' dan il-Kodiċi] għall-approvazzjoni tal-qorti kompetenti. […]

Il-qorti ma tistax tirrifjuta l-approvazzjoni tal-ftehim ħlief jekk dan ikun kuntrarju għall-ordni pubblika jew jekk il-ftehim miksub fi tmiem ta' medjazzjoni dwar il-familja jkun kuntrarju għall-interess tat-tfal minuri.

Id-digriet ta' approvazzjoni għandu l-effetti ta' sentenza skont l-Artikolu 1043 [tal-imsemmi Kodiċi][9]."

21. Skont il-qorti tar-rinviju, jekk il-medjatur li mexxa l-medjazzjoni ma huwiex awtorizzat mill-Kummissjoni Federali ta' Medjazzjoni, il-ftehim ta' medjazzjoni ma jistax jiġi approvat u s-saħħa eżekuttiva tiegħu għandha tiġi stabbilita b'mod ieħor, bħal, pereżempju, permezz ta' att notarili.

9 Il-qorti tar-rinviju spjegat li l-approvazzjoni mill-qorti tagħti l-forza eżekuttiva ta' deċiżjoni tal-qorti lill-att approvat.

*c) Il-medjazzjoni ġudizzjarja*

22. L-Artikolu 1734 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi:

"§ 1. Ħlief quddiem il-Hot van Cassatie [il-Qorti ta' Kassazzjoni, il-Belġju] u l-arrondissementsrechtbank [il-Qorti Distrettwali, il-Belġju], f'kull stadju tal-proċedura kif ukoll fi proċedura għal miżuri provviżorji, il-qorti adita minn kawża tista', fuq it-talba konġunta tal-partijiet jew *ex officio* iżda bi qbil mal-partijiet, tordna medjazzjoni, sakemm il-kwistjoni ma tkunx ġiet deċiża.

[…]

§ 2. Id-deċiżjoni li tordna lill-partijiet jipprovaw jirrisolvu l-kwistjoni permezz ta' medjazzjoni […] issemmi l-isem u l-kariga tal-medjatur approvat jew tal-medjaturi approvati, tistabbilixxi l-perijodu tal-medjazzjoni, mingħajr ma dan jista' jeċċedi s-sitt xhur, u tiffissa seduta għall-ewwel data disponibbli wara l-iskadenza ta' dan it-terminu.

§ 3. Sa mhux iktar tard mis-seduta msemmija fil-paragrafu § 2, il-partijiet għandhom jinformaw lill-qorti dwar ir-riżultat tal-medjazzjoni. Jekk ma jkunux laħqu qbil, huma jistgħu jitolbu, bi qbil bejniethom, terminu ġdid jew jitolbu li titkompla l-proċedura.

[…]

§ 5. Meta l-partijiet jitolbu flimkien li tiġi ordnata medjazzjoni, it-termini ta' proċedura li jingħataw lilhom jiġu sospiżi b'effett mid-data li fiha jagħmlu din it-talba.

Jekk ikun il-każ, il-partijiet jew waħda minnhom jistgħu jitolbu termini ġodda sabiex il-kawża tintbagħat lura fis-seduta msemmija fil-paragrafu § 2 jew fl-Artikolu 1735, § 5."

23. Skont l-Artikolu 1735(2) u (3) tal-Kodiċi Ġudizzjarju:

"§ 2. Il-medjazzjoni tista' tirrigwarda l-kawża kollha jew parti minnha.

§ 3. Il-qorti tibqa' adita matul is-seduta u tista', f'kull ħin, tieħu kwalunkwe miżura li jidhrilha li hija meħtieġa. Tista' wkoll, fuq talba tal-medjatur jew ta' waħda mill-partijiet, ittemm il-medjazzjoni qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit."

24. L-Artikolu 1736 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jipprevedi:

"[…]

Fi tmiem l-inkarigu tiegħu, il-medjatur għandu jinforma bil-miktub lill-qorti jekk il-partijiet ikunux laħqu qbil jew le.

Jekk il-medjazzjoni tkun wasslet għall-konklużjoni ta' ftehim ta' medjazzjoni, anki jekk parzjali, il-partijiet jew waħda minnhom jistgħu, skont l-Artikolu 1043 [tal-Kodiċi Ġudizzjarju], jitolbu lill-qorti tapprovah.

Il-qorti ma tistax tirrifjuta l-approvazzjoni tal-ftehim ħlief jekk dan ikun kuntrarju għall-ordni pubblika jew jekk il-ftehim miksub fi tmiem ta' medjazzjoni dwar il-familja jkun kuntrarju għall-interess tat-tfal minuri.

Jekk il-medjazzjoni ma tkunx wasslet għall-konklużjoni ta' ftehim ta' medjazzjoni komplet, il-proċedura titkompla fl-jum stabbilit, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-qorti, jekk jidhrilha opportun u permezz tal-qbil tal-partijiet kollha, li testendi l-inkarigu tal-medjatur b'terminu stabbilit minnha."

## III. Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

25. Fit-23 ta' Ottubru 2017, il-Kmamar tal-Avukati ppreżentaw quddiem il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali), rikors għall-annullament tal-Liġi tad-9 ta' April 2017. Dawn jinvokaw, insostenn tar-rikors tagħhom, żewġ motivi, fosthom wieħed ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 10 u 11 tal-Grondwet (Kostituzzjoni), li jistabbilixxu l-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, meħuda flimkien mal-Artikolu 201 tad-Direttiva 2009/138.

26. Dawn ir-rikorrenti jsostnu li l-Liġi tad-9 ta' April 2017, li ma tipprevedix li l-persuna assigurata għall-ispejjeż legali għandha l-libertà li tagħżel l-avukat tagħha fil-kuntest ta' proċedura ta' medjazzjoni, ma hijiex konformi mal-Artikolu 201 tad-Direttiva 2009/138. Dawn isostnu li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja jew proċedura amministrattiva" li jinsab f'dan l-Artikolu jista' jiġi dedott b'mod partikolari li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" ma għandux jiġi interpretat b'mod restrittiv. Huma jsostnu wkoll li l-medjazzjoni kemm volontarja kif ukoll ġudizzjarja tista', minn diversi aspetti, titqies bħala parti mill-proċedura ġudizzjarja, fis-sens tal-Artikolu 201 tad-Direttiva 2009/138.

27. Il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-Liġi tad-9 ta' April 2017 ikkritikata estendiet il-libertà tal-persuna assigurata għall-ispejjeż legali li tagħżel lil avukat jew lil kwalunkwe persuna oħra kkwalifikata, preċedentement prevista għal kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva, għall-proċedura ta' arbitraġġ iżda mhux għall-proċedura ta' medjazzjoni. Din l-għażla tal-leġiżlatur Belġjan hija bbażata fuq żewġ kunsiderazzjonijiet. Minn naħa, il-preżenza ta' avukat ma hijiex tali li tiffavorixxi l-medjazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-medjazzjoni mhux neċessarjament tkun ibbażata fuq raġunament ġuridiku, differenti mill-arbitraġġ.

28. Il-qorti tar-rinviju tqis li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [10] jirriżulta li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja", skont l-Artikolu 201 tad-Direttiva 2009/138, għandu jingħata interpretazzjoni wiesgħa u li mill-punt 19 tas-sentenza AK jista' jiġi dedott li ma għandha ssir l-ebda distinzjoni, inkluż f'każ ta' "proċedura ġudizzjarja", bejn il-fażi preparatorja u l-fażi deċiżjonali ta' tali proċedura.

29. Madankollu, din il-ġurisprudenza ma tippermettix li jiġi stabbilit b'ċertezza jekk dan id-dritt japplikax ukoll fi proċedura ta' medjazzjoni. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li proċedura ta' medjazzjoni tippreżenta karatteristiċi li huma iktar simili għal dawk ta' ftehim bonarju ta' kawża milli dawk ta' proċedura ġudizzjarja. B'mod partikolari, sa fejn il-proċedura ta' medjazzjoni hija intiża sabiex twassal lill-partijiet għal ftehim ta' medjazzjoni bejniethom, din il-proċedura hija differenti minn proċedura ġudizzjarja u hija simili għal ftehim bonarju tal-kawża. Madankollu, il-proċedura ta' medjazzjoni għandha tkun distinta minn ftehim bonarju ta' kawża inkwantu ġeneralment din issir wara djalogu amikevoli, hija rregolata mill-Kodiċi Ġudizzjarju u li ftehim konkluż fi tmiem medjazzjoni mmexxija minn medjatur approvat jista' jiġi approvat mill-qorti kompetenti, u d-digriet ta' approvazzjoni jkollu l-effett ta' sentenza.

30. Minħabba d-dubji tal-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali) dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, imqajma minħabba dawn l-elementi kollha, din il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-kunċett ta' 'proċedura ġudizzjarja' msemmi fl-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva [2009/138] għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-proċeduri ta' medjazzjoni extraġudizzjarja u ġudizzjarja previsti fl-Artikoli 1723/1 sa 1737 tal-[Kodiċi Ġudizzjarju]?"

10 Il-qorti tar-rinviju tiċċita l-motivi tas-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, Eschig (C-199/08, iktar 'il quddiem is-"sentenza Eschig", EU:C:2009:538, punti 38 sa 58), u tas-7 ta' April 2016, AK (C-5/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza AK", EU:C:2016:218, punti 16 sa 23). Hija tirreferi wkoll għas-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller (C-442/12, EU:C:2013:717, punti 24 u 25), kif ukoll tas-7 ta' April 2016, Massar (C-460/14, iktar 'il quddiem is-"sentenza Massar", EU:C:2016:216, punti 18 sa 25).

31. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Kmamar tal-Avukati, mill-Gvern Belġjan kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn ippreżentaw is-sottomissjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2019.

## IV. Analiżi

32. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali) tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika s-sens u l-portata tal-kunċett ta’ “proċedura ġudizzjarja” imsemmi fl-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 billi tistaqsi, essenzjalment, jekk din id-dispożizzjoni għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali teskludi l-libertà ta’ għażla ta’ avukat jew ta’ rappreżentant mill-persuna assigurata għall-ispejjeż legali f’każ ta’ medjazzjoni ġudizzjarja jew extra ġudizzjarja.

33. Il-prinċipju ta’ għażla libera mill-persuna assigurata, li għandha assigurazzjoni għall-ispejjeż legali, tal-avukat jew kwalunkwe persuna oħra awtorizzata sabiex tiddefendi l-interessi tagħha “fi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva”, stabbilit fl-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, ma huwiex ġdid.

34. Dan kien espress f’termini simili fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344, abrogata bid-Direttiva 2009/138 li rriformulat direttivi differenti fil-qasam tal-assigurazzjoni, fosthom din [11]. Għalhekk, għandu jsir riferiment għall-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għal dan l-artikolu.

35. B’hekk, nipproponi li nesponi fid-dettall it-tagħlimiet li jistgħu jiġu misluta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imbagħad il-konsegwenzi li jidhirli li jirriżultaw minnhom dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta’ “proċedura ġudizzjarja” u l-medjazzjoni.

36. Madankollu, qabel kollox, minħabba d-diskussjonijiet waqt is-seduta dwar l-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam ta’ assigurazzjoni għall-ispejjeż legali, jidhirli li jkun utli li nippreżenta, fil-qosor, l-istruttura tagħhom, kif tidher iktar ċara fid-Direttiva 2009/138.

### *A. Preżentazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam ta’ assigurazzjoni għall-ispejjeż legali*

37. Fi ħdan id-Direttiva 2009/138, id-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam ta’ assigurazzjoni għall-ispejjeż legali huma miġbura f’taqsima partikolari li tinkludi l-Artikoli 198 sa 205.

38. F’din it-taqsima hemm tliet artikoli, jiġifieri l-Artikoli 198, 200 u 201 tad-Direttiva 2009/138, utli għall-analiżi tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jikkorrispondu rispettivament u, essenzjalment, għall-Artikoli 2 sa 4 tad-Direttiva 87/344 [12].

39. Billi żied xi titoli, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkjarifika l-għan ta’ dawn id-dispożizzjonijiet u wera l-awtonomija tagħhom [13]. B’hekk, l-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138 jiddefinixxi l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali kif ukoll il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, filwaqt li l-Artikolu 200 tagħha jirrigwarda l-amministrazzjoni ta’ klejms mill-impriżi ta’ assigurazzjoni u l-Artikolu 201 tal-istess direttiva jistabbilixxi l-każijiet li fihom il-persuna assigurata għandha libertà li tagħżel avukat.

11 Ara l-premessa 1 tad-Direttiva 2009/138.

12 Ara t-tabella ta’ korrelazzjoni li tinsab fl-Anness VII tad-Direttiva 2009/138.

13 Ara, f’dan ir-rigward, il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Eschig (punt 46, dwar l-Artikoli 3 sa 5 tad-Direttiva 87/344, li saru l-Artikoli 199 sa 202 tad-Direttiva 2009/138, u l-punt 49, dwar l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 87/344, li sar l-Artikolu 200 tad-Direttiva 2009/138).

40. Għalhekk, għandha ssir distinzjoni bejn il-loġika tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138 dwar l-*obbligi tal-impriża assiguratriċi*, jiġifieri "*li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' proċeduri legali u li jiġu pprovduti servizzi oħrajn* direttament marbuta mal-kopertura tal-assigurazzjoni, partikolarment bl-iskop [tad-]difiża jew ir-rappreżentanza tal-persuna assigurata fi proċeduri ċivili, kriminali, amministrattivi jew proċeduri oħrajn fir-rigward ta' kull talba magħmula kontra dik il-persuna"[14] u dik tal-Artikolu 200 ta' din id-direttiva li jiddefinixxi t-*tliet metodi ta' amministrazzjoni ta' klejms ta' persuni koperti għall-ispejjeż legali* fosthom dak li jinsab fil-paragrafu 4 li jistipula li l-kuntratt għandu jipprevedi li, "persuni assigurati jistgħu jafdaw id-difiża tal-interessi tagħhom, lil avukat tal-għażla tagħoma jew, safejn tippermetti l-liġi nazzjonali, lil xi persuna oħra adegwatament ikkwalifikata, mill-mument li dawk il-persuni assigurati jkollhom id-dritt li jagħmlu talba taħt dak il-kuntratt"[15].

41. Għandha wkoll issir distinzjoni mid-dispożizzjonijiet l-oħra tat-taqsima dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali dwar l-għan speċifiku tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, li jiddefinixxi d-drittijiet tal-persuni assigurati jew il-"*garanziji speċifiċi favur il-persuni assigurati*"[16] fir-rigward tal-għażla libera ta' avukat jew ta' rappreżentant.

42. Konsegwentement, ma hemmx dubju, fl-opinjoni tiegħi, li l-Artikolu 198(1) tad-Direttiva 2009/138 għandu biss l-effett li jipprevedi t-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-għażla libera tal-avukat, prevista fl-Artikolu 201(1)(a) ta' din id-direttiva, fost is-servizzi dovuti mill-impriża assiguratriċi[17] fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2 tiegħu. Dan l-artikolu ma huwiex intiż sabiex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-persuna assigurata tista' tagħżel avukat jew rappreżentant.

43. Bl-istess mod, ma jistax jiġi dedott mill-għan distint tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 li dan huwa limitat sabiex jiddikjara l-prinċipju ta' għażla libera tal-avukat mingħajr it-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż mill-impriża assiguratriċi, li jikkostitwixxi prova. Huwa proprju dan it-teħid ta' responsabbiltà finanzjarja prevista fl-Artikolu 198(1) ta' din id-direttiva li jiġġustifika l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-għażla ta' avukat jew ta' rappreżentant minn persuna assigurata għall-ispejjeż legali.

44. Barra minn hekk, jista' jiġi osservat li, meta l-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat il-portata tad-drittijiet mogħtija lill-persuna assigurata bl-Artikolu 4 tad-Direttiva 87/344, li sar l-Artikolu 201 tad-Direttiva 2009/138, din ma kkunsidratx li kien meħtieġ li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 87/344, li sar l-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138[18].

45. Wara li spjegajt l-interazzjoni bejn l-Artikolu 198(1)(b) u l-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, ser inkompli l-analiżi tiegħi billi nfittex fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi utli għar-riflessjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-għażla libera tal-avukat mill-persuna assigurata.

14 Korsiv miżjud minni. Ara, għal analiżi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 87/344 li minnu ħareġ l-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138, Cerveau, B., u Margeat, H., "Commentaire de la Directive du Conseil des communautés européennes portant coordination des dispositions législatives réglementaires et administratives concernant l'assurance[-]protection juridique", *Gazette du Palais*, Lextenso Éditions, Issy-les-Moulineaux, 12 ta' Settembru 1987, p. 580 sa 586, b'mod partikolari p. 582, li jipprevedi li "tibdil [ta' dan l-artikolu] jippermetti li jinfetaħ kamp ta' azzjoni wiesa' għall-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali" u l-espressjoni "servizzi oħrajn" "tinkludi […] kemm il-fażi ta' parir mogħti f'każ ta' kawża u dik ta' konklużjoni bonarja mbagħad ġudizzjarja tal-proċess". Ara, ukoll, fir-rigward tad-duwalità tas-servizz tal-impriża assiguratriċi, Bruyr, B., u Dambly, P., "Médiation et assurances", *Revue générale des assurances et des responsabilités*, Larcier, Bruxelles, 2014, vol. 7, punt 15.

15 Dwar l-interazzjoni bejn dan il-mod ta' amministrazzjoni ta' klejms u d-drittijiet tal-persuna assigurata fir-rigward tal-għażla libera tal-avukat, ara s-sentenza Eschig (punt 50).

16 Ara s-sentenza Eschig (punt 40 u l-punt 44 ukoll). Korsiv miżjud minni.

17 Ara, fl-istess sens, Bruyr, B., u Dambly, P., *op. cit.*, punt 16.

18 Ara l-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

### *B. It-tagħlimiet misluta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għażla libera tal-avukat mill-persuna assigurata*

46. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-portata tad-drittijiet tal-persuna assigurata li jirriżultaw mill-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344, li sar l-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, f'każijiet li fihom din riedet teżerċita d-drittijiet tagħha kemm fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, kif ukoll fi ħdan organi amministrattivi. Din il-ġurisprudenza sservi bħala riferiment għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 [19].

#### *1. Fil-każ ta' eżerċizzju ta' drittijiet mill-persuna assigurata fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji*

47. Fis-sentenza Eschig [20], il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, użat tliet prinċipji li jikkostitwixxu l-qofol tal-ġurisprudenza fil-qasam ta' assigurazzjoni għall-ispejjeż legali, issa rregolati bid-Direttiva 2009/138.

48. L-ewwel nett, l-għan imfittex mid-Direttiva 87/344 u, b'mod partikolari, mill-Artikolu 4 tagħha, huwa li jipproteġi b'mod wiesa' l-interessi tal-persuni assigurati [21]. It-tieni nett, il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu għandu portata ġenerali u natura vinkolanti [22]. It-tielet nett, id-Direttiva 87/344 ma hijiex intiża għall-armonizzazzjoni sħiħa tal-kuntratti ta' assigurazzjoni għall-ispejjeż legali tal-Istati Membri, b'tali mod li, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, dawn tal-aħħar għadhom liberi li jiddeterminaw is-sistema applikabbli għall-imsemmija kuntratti, sakemm l-Istati Membri jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom f'dan il-qasam b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 87/344 [23].

49. Minn naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-dritt tal-persuna assigurata li tagħżel "ir-rappreżentant tagħha" huwa "limitat għal proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi" [24] u li hemm "livell minimu tal-libertà li għandu jingħata lill-persuna assigurata jkunu xi jkunu l-għażliet previsti fl-Artikolu 3(2) ta[d]-Direttiva [87/344] li l-impriża tal-assigurazzjoni tikkonforma ruħha magħhom" [25]. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li "is-soluzzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(ċ) tad-Direttiva 87/344 tagħti lill-persuni assigurati drittijiet iktar estiżi milli jagħtihom l-Artikolu 4(1)(a) ta' din id-direttiva. Għalhekk, din id-dispożizzjoni tal-aħħar tipprevedi biss *id-dritt ta' għażla libera tar-rappreżentant fil-każ fejn ikunu involuti proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi*. Għall-kuntrarju ta' dan, skont is-soluzzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(ċ) tal-imsemmiija direttiva, il-persuna assigurata għandha d-dritt li tafda d-difiża tal-interessi tagħha lil rappreżentant mill-mument li jkollha d-dritt li tagħmel pretensjoni lill-assiguratur tagħha skont il-kuntratt ta' assigurazzjoni, *u għaldaqstant anki qabel ma jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi*" [26].

19 Ara l-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

20 Id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet dik dwar jekk l-għażla libera ta' rappreżentant legali minn persuna assigurata għall-ispejjeż legali setgħetx tiġi limitata mill-assiguratur f'każ ta' danni kollettivi jew ta' avvenimenti li jikkawżaw danni lil diversi persuni fl-istess ħin, f'dan il-każ investituri finanzjarji. Il-persuna assigurata f'din il-kawża xtaqet tkun irrappreżentata minn avukati magħżula minnha f'diversi proċeduri fosthom il-proċeduri ta' falliment tal-kumpanniji ta' investiment, il-proċedura kriminali kontra l-korpi tagħhom, kif ukoll proċedura mressqa kontra l-Istat minħabba nuqqasijiet fil-kontroll tas-swieq finanzjarji.

21 Ara s-sentenza Eschig (punt 45). Dan il-prinċipju tfakkar fis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller (C-442/12, EU:C:2013:717, punt 24).

22 Ara s-sentenzi Eschig (punt 47) u tas-26 ta' Mejju 2011, Stark (C-293/10, EU:C:2011:355, punt 29), kif imqassra fil-punt 25 tas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller (C-442/12, EU:C:2013:717).

23 Ara s-sentenzi Eschig (punti 65 u 66) u tas-26 ta' Mejju 2011, Stark (C-293/10, EU:C:2011:355, punt 31).

24 Ara s-sentenza Eschig (punt 58; ara, fl-istess sens, il-punt 47, li fih tinsab l-espressjoni "proċedura ġudizzjarja *jew* amministrattiva" (korsiv miżjud minni)).

25 Ara s-sentenza Eschig (punt 48).

26 Ara s-sentenza Eschig (punt 50). Korsiv miżjud minni.

50. F'żewġ sentenzi sussegwenti tas-26 ta' Mejju 2011, Stark[27], kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller[28], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Eschig sabiex minnhom tiddeduċi, fl-ewwel sentenza, li l-persuna assigurata jista' jkollha limitazzjonijiet ġeografiċi fl-għażla tagħha tal-avukat sakemm ma tiġix ippreġudikata l-libertà tal-għażla tagħha[29], u, fit-tieni sentenza, li din il-libertà ma tistax tiġi limitata biss għas-sitwazzjonijiet li fihom l-assiguratur jiddeċiedi li għandu jsir użu minn rappreżentant legali estern mill-impriża ta' assigurazzjoni[30].

51. B'hekk, f'dawn it-tliet sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-portata tad-drittijiet tal-persuna assigurata fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji mingħajr ma interpretat il-kunċetti ta' "proċedura ġudizzjarja" jew ta' "proċedura amministrattiva"[31].

52. Kien f'żewġ sentenzi sussegwenti, mogħtija fis-7 ta' April 2016, Massar u AK, li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "proċedura amministrattiva" skont l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344, li sar l-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138.

*2. Fil-każ ta' eżerċizzju ta' drittijiet mill-persuna assigurata fi ħdan organu amministrattiv*

53. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Massar, it-talba tal-qorti tar-rinviju kienet intiża sabiex tistabbilixxi jekk il-prinċipju tal-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant jistax japplika meta l-persuna assigurata għall-ispejjeż legali tkun tixtieq tiddefendi ruħha waqt l-eżami minn organu pubbliku indipendenti dwar it-talba għal awtorizzazzjoni għat-tkeċċija tagħha magħmula mill-persuna li timpjegaha, peress li din il-proċedura ma kinitx ġudizzjarja[32].

54. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza AK, tqajmet l-istess kwistjoni fil-każ ta' persuna assigurata għall-ispejjeż legali li xtaqet tressaq ilment fi ħdan ċentru, maħtur mil-liġi sabiex jikkontrolla l-ispejjeż mediċi speċjali, wara li ġiet miċħuda t-talba tagħha għal awtorizzazzjoni ta' kura. Lanqas f'dan it-tieni każ il-proċedura ma kienet ġudizzjarja.

55. Madankollu, differenza importanti bejn dawn iż-żewġ każijiet għandha tiġi enfasizzata minn issa. Għalkemm id-deċiżjoni amministrattiva fil-kawża li waslet għas-sentenza AK kienet suġġetta għal rikors quddiem qorti amministrattiva kompetenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali u tas-servizz pubbliku[33], dan ma kienx il-każ fil-proċedura inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Massar. Id-deċiżjoni amministrattiva ma setgħetx tkun is-suġġett ta' rikors jew ta' lment. Setgħet titressaq biss kawża għad-danni quddiem qorti ċivili[34].

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "proċedura amministrattiva" imsemmi f'din id-dispożizzjoni jinkludi, fir-rigward tas-sentenza Massar, "proċedura li fi tmiemha organu pubbliku jawtorizza lill-persuna li timpjega tipproċedi għat-tkeċċija tal-impjegat, kopert minn assigurazzjoni għall-ispejjeż legali"[35] u, fir-rigward tas-sentenza AK, "il-fażi ta' lment quddiem organu pubbliku li matulha dan l-organu jagħti deċiżjoni suġġetta għal rikorsi ġudizzjarji"[36].

27 C-293/10, EU:C:2011:355.

28 C-442/12, EU:C:2013:717.

29 Ara s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Stark (C-293/10, EU:C:2011:355, punt 36).

30 Ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller (C-442/12, EU:C:2013:717, punt 23).

31 Jista' jiġi rrilevat li, fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Stark (C-293/10, EU:C:2011:355), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka, imfakkra fil-punt 11 tagħha, li tipprevedi l-għażla libera tal-avukat mill-persuna assigurata "għar-rappreżentanza tagħha fi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva".

32 Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, fis-sentenzi Massar (punt 20) u AK (punt 18), li l-espressjoni "proċeduri ġudizzjarji" tkopri l-proċeduri "li jiżvolġu quddiem proprja qorti".

33 Ara s-sentenza AK (punt 13).

34 Ara s-sentenza Massar (punt 14).

35 Ara s-sentenza Massar (punt 28).

36 Ara s-sentenza AK (punt 26).

57. Kien fid-dawl ta' dawn id-deċiżjonijiet u, b'mod partikolari, tal-motivi tagħhom, li, fil-kawża prinċipali, il-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali) tqis li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" jista' jiġi interpretat fis-sens li l-medjazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138.

58. Madankollu, peress li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" għandu jiġi interpretat skont il-metodu normali tal-Qorti tal-Ġustizzja, inqis li l-analiżi tal-portata tas-sentenzi Massar u AK hija biss element kumplimentari ma' dawk normalment użati mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

## *C. Il-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" skont l-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138*

59. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hemm lok, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma jittieħdux inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti [37].

60. F'dan il-każ, jidhirli li għandhom jiġu misluta elementi ta' kuntest mis-sentenzi Massar u AK.

### *1. It-termini tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138*

61. Fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "jirriżulta li l-kunċett ta' 'proċedura amministrattiva' għandu jinqara' b'kuntrast ma' dak ta' 'proċedura ġudizzjarja' [38]. Din il-konstatazzjoni għandha tiġi estiża għall-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, redatt f'termini identiċi fuq dan il-punt.

62. Fil-fatt, l-unika differenza fir-redazzjoni fil-verżjoni bil-lingwa Franċiża [39] dwar dawn il-kunċetti ta' "proċedura", li tirrigwarda l-element determinanti "*kull* proċedura" issostwit bi "*proċedura*", fih innifsu, fl-opinjoni tiegħi, ma għandu l-ebda effett [40]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja użat l-espressjoni "*fil-kuntest ta'" kwalunkwe* jew ta' *kull* proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva filwaqt li rreferiet għall-ħdax-il premessa tad-Direttiva 87/344 [41].

63. L-espressjoni "inkjesta [proċedura ġudizzjarja] jew proċedura [amministrattiva]" tidher biss fl-Artikolu 201(1)(a) ta' din id-direttiva, dwar l-għażla tal-avukat mill-persuna assigurata. L-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138, identiku għall-Artikolu 2 tad-Direttiva 87/344, li fih tinsab l-espressjoni "proċeduri legali [ġudizzjarji]", huwa redatt b'mod differenti.

64. Fil-fatt, għalkemm din l-aħħar dispożizzjoni tipprevedi li l-assiguratur għandu l-obbligu li jieħu r-responsabbiltà tal-"ispejjeż ta' proċeduri legali [ġudizzjarji]", din hija ddefinita b'mod wiesa' ferm kif jirriżulta mill-kliem segwenti: "partikolarment bl-iskop tas-segwenti […] id-difiża jew ir-rappreżentanza tal-persuna assigurata *fi proċeduri ċivili, kriminali, amministrattivi*", termini segwiti minn "*jew proċeduri oħrajn*" [42].

37 Ara s-sentenzi Massar (punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll AK (punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Sentenzi Massar (punt 19) u AK (punt 17).

39 Il-verżjonijiet fil-lingwa Ġermaniża u Ingliża ma nbiddlux u jużaw rispettivament l-espressjonijiet "in einem" kif ukoll "in any". Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-unika verżjoni fil-lingwa Franċiża ma għandhiex tiġi invokata insostenn ta' qari restrittiv tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138. Ara, b'analoġija, is-sentenza Eschig (punt 53).

40 Korsiv miżjud minni. Ara, bħala eżempju, f'sitwazzjoni analoga, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Glawischnig-Piesczek (C-18/18, EU:C:2019:821, punt 30).

41 Ara s-sentenzi Eschig (punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller (C-442/12, EU:C:2013:717, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). Korsiv miżjud minni.

42 Korsiv miżjud minni. Ara, ukoll, il-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, barra minn hekk, Bruyr, B., u Dambly, P., *op. cit.*, punt 16, fir-rigward tal-interpretazzjoni tagħhom għat-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż ta' medjazzjoni.

65. Din id-differenza fir-redazzjoni bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tista' wkoll tiġi rrilevata fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti tagħhom. Bħala eżempju, fil-verżjoni fil-lingwa Ingliża tal-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138, l-espressjonijiet użati huma "legal proceedings" u "defending or representing the insured person in civil, criminal, administrative or other proceedings", filwaqt li fl-Artikolu 201(1)(a) ta' din id-direttiva, it-traduzzjoni hija s-segwenti: "in any inquiry or proceedings".

66. Bl-istess mod, fil-lingwa Ġermaniża, għall-Artikolu 198 tad-Direttiva 2009/138 huma użati l-espressjonijiet "die Kosten des Gerichtsverfahrens" u "den Versicherten in einem Zivil-, Straf-, Verwaltungs- oder anderen Verfahren", u, għall-Artikolu 201(1)(a) ta' din id-direttiva, "in einem Gerichts- oder Verwaltungsverfahren".

67. Mill-eżami tad-dokumenti relatati mal-elaborazzjoni tad-Direttiva 87/344 li stajt nikkonsulta, niddeduċi li n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-kliem ma jirriżultax minn rieda partikolari tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Fil-fatt, la l-proposta ta' direttiva tal-Kunsill dwar koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali [43] u lanqas l-atti preparatorji l-oħra [44] ma fihom xi spjegazzjoni f'dan ir-rigward. Fir-rigward tal-ġenesi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 87/344, jista' biss jiġi kkonstatat, li, minn naħa, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-Kummissjoni, huwa spjegat, essenzjalment, li "[i]l-kuntratti ta' assigurazzjoni tal-protezzjoni legali jipprevedu t-teħid ta' responsabbiltà mill-assiguratur tal-ispejjeż u d-drittijiet tal-avukat inkarigat mid-difiża tal-interessi tal-persuna assigurata. Ma huwiex speċifikat li dan l-avukat huwiex l-avukat normali tal-kumpannija tal-assigurazzjoni, speċjalment jekk din ikollha ħafna ferghat. Dan kieku jpoġġi lil dan l-avukat f'sitwazzjoni diffiċli. Barra minn hekk, id-direttiva tipprevedi wkoll li l-persuna assigurata għandha tkun tista' tagħżel hi stess l-avukat tagħha". Min-naħa l-oħra, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kien talab li "jiġu spjegati b'mod espliċitu l-modalitajiet tal-użu ta' avukat", iżda ma kienx ippropona emendi sabiex dawn il-proċeduri jiġu spjegati [45].

68. Kien biss fir-rapport tal-grupp *ad hoc* tal-konsulenti fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, tas-26 ta' Mejju 1987, dwar il-proposta emendata ta' Direttiva tal-Kunsill dwar koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali [46] li huwa spjegat li "il-livell minimu ta' libertà li tagħżel b'mod liberu l-avukat huwa ddefinit b'riferiment għall-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi", mingħajr spjegazzjonijiet ulterjuri dwar l-għażla ta' redazzjoni differenti tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 87/344 u speċjalment dwar il-portata tat-termini "b'mod partikolari" u "proċeduri oħrajn", użati f'din l-aħħar dispożizzjoni.

69. Din l-informazzjoni storika leġiżlattiva, fl-opinjoni tiegħi, tikkonferma l-possibbiltà li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" jiġi kkonċepit b'mod wiesa' kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Massar u AK, fir-rigward tal-kunċett ta' "proċedura amministrattiva". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-kunċett ma jistax jiġi limitat għas-sempliċi proċeduri ġudizzjarji fil-qasam amministrattiv, jiġifieri dawk li jiżvolġu quddiem proprja qorti [47], u li l-kliem tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 87/344 ma fih l-ebda distinzjoni bejn il-fażi preparatorja u l-fażi deċiżjonali ta' proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva [48].

70. Għalhekk ser nipproċedi bl-analiżi tal-portata ta' dawn is-sentenzi li hija determinanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, kif enfasizzat il-qorti tar-rinviju.

43 Proposta tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 1979 (COM(79) 396 finali).

44 Ara, għall-informazzjoni storika ddettaljata, Cerveau, B., u Margeat, H., *op. cit.*, p. 581, kif ukoll, għal riferiment għal din l-istorja, is-sentenza Eschig (punti 57 u 58).

45 Fil-parir tiegħu dwar proposta ta' direttiva tal-Kunsill dwar koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali (ĠU 1980, C 348, p. 22), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kien ippropona li "[k]ull darba li jkun hemm bżonn li jiġi kkonsultat avukat" tinbidel "[s]a fejn inkun hemm bżonn li jiġi kkonsultat avukat".

46 Dokument Nru 6767/87 SURE 20.

47 Ara s-sentenzi Massar (punt 20) u AK (punt 18).

48 Ara s-sentenzi Massar (punt 21) u AK (punt 19).

*2. Il-portata tas-sentenzi Massar u AK*

71. Jekk il-motivi ta' dawn is-sentenzi jiġu kkunsidrati litteralment, għandu jiġi dedott minnhom li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 huwa kunċett awtonomu li jinkludi fażi preċedenti għal fażi ġudizzjarja, li tista' tkun estensjoni tagħha.

72. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, minn dan jista' qabel kollox jiġi dedott li l-medjazzjoni taqa' f'dan il-kunċett[49], bħala mod ta' riżoluzzjoni ta' tilwim.

73. Għalhekk, ma naqbilx mal-opinjonijiet li jgħidu li l-portata tas-sentenzi Massar u AK għandha tiġi limitata għaċ-ċirkustanzi partikolari li abbażi tagħhom ingħataw li minnhom tirriżulta l-applikazzjoni ta' kriterju organiku mislut mis-setgħa tal-amministrazzjoni li tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna assigurata għall-ispejjeż legali. Il-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" jinkludi biss il-proċeduri li fi tmiemhom qorti tiddeċiedi b'mod definittiv fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-persuna kkonċernata.

74. Fl-ewwel lok, nirrileva li, jekk tiġi adottata tali analiżi, dan ikollu l-effett li jeskludi l-medjazzjoni f'qasam amministrattiv[50] mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138, liema ħaġa tidhirli li tmur kontra l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi Massar u AK.

75. Fit-tieni lok, nosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja ma llimitatx l-interpretazzjoni tagħha billi użat kriterju organiku, peress li din ikkonfermat il-ħtieġa li jiġu protetti b'mod wiesa' l-interessi tal-persuni assigurati[51] u li hija applikat dan il-prinċipju f'każijiet partikolari li d-differenza bejniethom għandha tiġi enfasizzata.

76. Fil-fatt, hekk kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza AK, il-"proċedura [...] tikkostitwixxi l-preludju *indispensabbli* għall-preżentata ta' rikors quddiem il-qorti amministrattiva"[52], mingħajr ma tispjega jekk hijiex mandatorja jew le, filwaqt li, fis-sentenza Massar, id-deċiżjoni amministrattiva ma setgħetx tkun is-suġġett ta' rikors. Hija setgħet, l-iktar, isservi bħala bażi ta' proċedura sabiex jinkiseb kumpens għal dannu quddiem qorti *ċivili*[53].

77. Barra minn hekk, f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni amministrattiva ta' tkeċċija mitluba mill-persuna li timpjega[54] li matulha l-persuna impjegata ma tista' tressaq l-ebda ilment. Din sempliċement tinstema'[55] u ma tista' teżerċita l-ebda rimedju. Dawn huma differenzi sinjifikattivi meta mqabbla mal-kawża li wasslet għas-sentenza AK.

49 Fil-fehma tiegħi, l-istess jista' jkun fil-każ ta' "proċedura probatorja". Ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, HanseYachts (C-29/16, EU:C:2017:343, punt 35).

50 Ara Bruyr, B., u Dambly, P., *op. cit.*, punt 1(b)(i). Għandu jiġi nnotat li n-noti ta' qiegħ il-paġna 12, 14, u 22 jirreferu għal dispożizzjonijiet abrogati.

51 Sentenzi Massar (punt 23) u AK (punt 21).

52 Punt 23 ta' din is-sentenza. Korsiv miżjud minni.

53 Punt 24 ta' din is-sentenza. Korsiv miżjud minni.

54 Ara s-sentenza Massar (punti 2 u 13).

55 Sa fejn naf jien, skont il-proċedura applikabbli, irregolata permezz ta' digriet dwar it-tkeċċija, il-persuna impjegata tista' tiddefendi ruħha kontra t-talba tal-persuna li timpjega quddiem l-organu pubbliku kompetenti. Sussegwentement dan għandu l-possibbiltà li jippermetti lill-persuna li timpjega u lill-impjegat jerġgħu jippreżentaw għal darba oħra l-perspettiva tagħhom. Ara, ukoll, Holthinrichs, B., "Free choice of a lawyer: the ECJ judgments of 7 April 2016 and the concept of "administrative proceedings", *European Journal of Commercial Contract Law*, Paris Legal Publishers, Zutphen, Vol. 8, Nru 2, 2016, p. 21 sa 27, b'mod partikolari p. 22.

78. Dan l-eżami komparattiv tas-sentenzi Massar u AK jippermetti, fl-opinjoni tiegħi, li jintużaw il-kriterji essenzjali użati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ċertament, dawn jinkludi l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi tal-persuna assigurata li d-drittijiet tagħha huma affettwati [56], iżda, skont dawn is-sentenzi, kemm f'"fażi" [57], kif ukoll fi "proċedura" [58] li jista' jkollhom rabta ma' *fażi ġudizzjarja* sussegwenti.

79. L-ebda kundizzjoni dwar in-natura obbligatorja tal-assistenza minn avukat jew tal-fażi preċedenti ma ġiet irrilevata.

80. Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fl-istess sens f'ċirkustanzi li bħala punt komuni kellhom ir-rieda tal-persuna assigurata għall-ispejjeż legali li tikseb deċiżjoni amministrattiva favur tagħha, qabel ma qorti tiddeċiedi eventwali kontestazzjoni, li ma kinitx limitata biss għall-istħarriġ tal-fondatezza tad-deċiżjoni amministrattiva.

81. Minn dan niddeduċi li t-terminu "proċedura" ma jkoprix biss il-fażi ta' rikors "quddiem proprja qorti" [59], jiġifieri ġudizzjarjament meta kawża hija pendenti jew ser tinbeda, iżda anki fażi li tiġi qabilha jew, fi kliem ieħor, extra ġudizzjarja [60].

82. Tali interpretazzjoni għandha l-effett li tikkonkorda l-verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-espressjoni "proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva" mas-sens ġenerali tat-terminu "inquiry" li jinsab fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża tad-Direttivi 87/344 u 2009/138, fl-Artikoli 4 u 201 [61] rispettivament.

83. Jonqos li tiġi vverifikata l-konformità ta' din l-interpretazzjoni mal-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/138 dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali.

*3. L-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-dispożizzjonijiet dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali*

84. Il-kwistjoni li għandha tiġi deċiża hija dik dwar sa fejn l-għanijiet imfittxija stabbiliti fit-taqsima partikolari tad-Direttiva 2009/138 iddedikata għall-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali jiġġustifikaw li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" għandu jiġi interpretat fis-sens li dan huwa użat mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-kunċett ta' "proċedura amministrattiva" fis-sentenzi Massar u AK.

85. Għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod kostanti l-obbligu li ma tinterpretax b'mod ristrettiv l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344 fir-rigward tal-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant, fid-dawl tal-għan imfittex minnha [62], u fakkret li din id-dispożizzjoni għandha portata ġenerali u natura vinkolanti [63].

56 Sentenzi Massar (punt 25) u AK (punt 22).

57 L-espressjoni "fażi amministrattiva" tintuża fil-punt 22 tas-sentenza AK.

58 Sentenza Massar (punt 25).

59 Sentenzi Massar (punt 20) u AK (punt 18).

60 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Massar (punt 25) u AK (punt 23).

61 Fuq il-metodu ta' interpretazzjoni użat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'każ ta' diverġenzi tal-verżjonijiet użati fil-lingwi uffiċjali, ara s-sentenza Eschig (punt 54). Ara, fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi, Holthinrichs, B., *op. cit.*, p. 25 kif ukoll in-noti ta' qiegħ il-paġna 11 u 16, fir-rigward tal-verżjonijiet fil-lingwa Ġermaniża u Olandiża. Din tal-aħħar taqbel, skont il-verifiki tiegħi, mal-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Daniża u dik Taljana.

62 Ara s-sentenzi Massar (punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata) u AK (punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Sneller (C-442/12, EU:C:2013:717, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata). Cerveau, B., u Margeat, H., op cit (p. 584) kienu enfasizzaw, qabel dawn id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, li "[d]an ir-rekwiżit tal-għażla libera għandu jiġi kkunsidrat bħala wieħed mill-akkwisti fundamentali tad-Direttiva [87/344]. Il-kumplament kien ġie previst sa mill-ewwel abbozz tad-Direttiva tal-1979".

86. Fil-fehma tiegħi, kif urew il-fatti fis-sentenzi Massar u AK li jiġġustifikaw li, abbażi ta' dawn il-prinċipji, it-terminu "proċedura" jinftiehem mhux biss fis-sens ristrett tiegħu, jiġifieri dak ta' kawża pendenti, iżda bħala kull fażi preċedenti għal fażi deċiżjonali, u l-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant minn persuna assigurata għall-ispejjeż legali għandha tiġi żgurata fis-sitwazzjonijiet kollha li jirrigwardaw deċiżjonijiet ta' kwistjonijiet relatati mal-interessi tal-persuni assigurati mingħajr rikors għall-qrati tal-Istat.

87. Ftit huwa importanti l-metodu, meta tkun fażi li tista' twassal għal att ġudizzjarju, jiġifieri att li jistabbilixxi d-drittijiet ta' kull persuna li għandu awtorità ta' *res judicata*, jew li huwa vinkolanti, jew inkella, li jista' jkun suġġett għal eżekuzzjoni forzata.

88. Issa, huwa preċiżament minħabba konsegwenzi ta' din il-fażi preċedenti, li matulha, kif enfasizzaw il-Kmamar tal-Avukati, il-persuna assigurata kellha quddiemha għażliet proċedurali differenti għad-dispożizzjoni tagħha f'każ ta' preġudizzju għad-drittijiet tagħha u l-evalwazzjoni tal-possibbiltajiet ta' suċċess tagħhom fid-dritt u fil-fatt, li l-għażla libera tal-avukat tissodisfa r-rekwiżit ta' protezzjoni tal-interessi tal-persuna assigurata b'mod wiesa' [64].

89. Konsegwentement, kemm jekk tirrigwarda relazzjonijiet bejn persuni fiżiċi kif ukoll dawk li fihom l-amministrazzjoni teżerċita l-prerogattivi tagħha u tifformalizzahom f'deċiżjoni, din il-fażi preċedenti għandha tiġi kkaratterizzata mill-użu, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuna assigurata, ta' mezz li jkopri, inizjalment, mod biex tiġi evitata l-proċedura ġudizzjarja, iżda li, eventwalment b'mod sussegwenti, ikun utli sabiex din tinbeda, bħal, apparti mill-ilment, it-trażmissjoni ta' ittri ta' intimazzjoni jew, b'mod iktar ġenerali, kull att li jista' jinterrompi l-preskrizzjoni.

90. Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 huwa hekk iddefinit b'mod konformi mal-għan li għandu jintlaħaq minnha, x'inhuma l-konsegwenzi li jistgħu jiġu misluta fir-rigward tal-medjazzjoni?

### *D. Il-medjazzjoni u l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja"*

91. Il-kwistjoni l-iktar delikata li għandha tiġi ttrattata tirrigwarda l-proċess ta' medjazzjoni li japplika lil hinn minn kull proċedura ġudizzjarja diġà mibdija.

92. Fil-fatt, meta qorti tkun diġà adita, il-medjazzjoni, fil-fehma tiegħi, hija sempliċement fażi tal-proċedura ġudizzjarja pendenti. Għalhekk, ikun kuntrarju għall-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/138 dwar l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali li l-persuna hekk assigurata ma tkomplix tibbenefika mill-assistenza tal-avukat li tkun għażlet oriġinarjament.

93. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-medjazzjoni taqa', fil-fehma tiegħi, anki fil-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 [65], fir-rigward tal-għażla libera ta' avukat jew ta' rappreżentant ieħor, għal sitt raġunijiet essenzjali.

64 Ara, fl-istess sens, Bruyr, B., u Dambly, P., *op. cit.*, punt 19.

65 Biex infakkar, din il-problema ma tqumx fir-rigward tal-Artikolu 198(1) ta' din id-direttiva applikabbli għat-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż. Barra minn hekk, iż-żieda tal-kliem "proċeduri oħrajn" tawtorizza t-teħid ta' responsabbiltà wiesa' tal-ispejjeż. Ara l-punti 42 u 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

94. L-ewwel nett, il-medjazzjoni, li jidhirli opportun li tiġi ddefinita b'riferiment għall-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, dwar ċerti aspetti tal-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali[66], applikabbli għall-kawżi transkonfinali[67], tikkostitwixxi fażi li matulha l-partijiet ifittxu mod ta' kif isolvu bonarjament il-kwistjoni bejniethom[68].

95. Billi jirrikorru għal dan il-proċess ta' medjazzjoni, il-persuni kkonċernati jfittxu li jiksbu soluzzjoni konformi mal-interessi tagħhom[69], bħal dawk li jindirizzaw ilment ma' persuna jew servizz biex jiksbu deċiżjoni favurihom. Fil-fehma tiegħi, il-medjazzjoni hija biss mod ieħor kif tasal għall-istess għan.

96. Barra minn hekk, skont ċerti leġiżlazzjonijiet nazzjonali, il-fażi ta' medjazzjoni tista' tkun mandatorja[70], bħall-fażi ta' lment ma' amministrazzjoni prevista f'ċerti każijiet mid-dritt nazzjonali. Għalhekk ma jistax jintuża l-argument li l-medjazzjoni tiddependi biss fuq ir-rieda tal-partijiet[71].

97. It-tieni nett, fil-proċess ta' medjazzjoni, bħal fil-każ ta' lment, ir-rwol tal-avukat huwa analogu. Huwa jikkonsisti fl-għoti lill-persuna assigurata tal-informazzjoni utli kollha li tippermettilha, minn naħa, tevalwa l-interess tal-passi meħuda fil-fażi preċedenti għat-tressiq ta' kawża quddiem qorti u, min-naħa l-oħra, li tassistiha sabiex jintemmu b'suċċess, mingħajr ma tiġi kompromessa l-possibbiltà li tinbeda proċedura ġudizzjarja, jekk tinħass il-ħtieġa, fil-każ fejn ma seta' jinstab l-ebda ftehim permanenti[72].

98. It-tielet nett, il-medjazzjoni għandha effett fuq il-proċedura ġudizzjarja tallinqas ekwivalenti, jekk mhux superjuri, għal dak tal-ilment, peress li l-medjazzjoni tista' tissospendi l-preskrizzjoni, li huwa l-każ, b'mod partikolari, fid-dritt Belġjan, sa mill-firma tal-ftehim ta' medjazzjoni extra ġudizzjarja[73].

99. B'hekk, fil-fażi ta' medjazzjoni, il-partijiet ikkonċernati jsibu ruħhom f'fażi, *a minima*, preċedenti għal proċedura ġudizzjarja, li matulha jiġi ssodisfatt, bl-assistenza ta' avukat, "bżonn [ta'] kopertura tal-ispejjeż legali" tal-persuna assigurata, skont it-termini tas-sentenza AK[74] u skont formulazzjoni differenti fis-sentenza Massar[75]. Għal din ir-raġuni biss, huwa irrilevanti li terz jintervjeni, fuq qbil tal-partijiet, u li s-soluzzjoni użata ma tkunx neċessarjament dik li tikkorrispondi strettament mad-drittijiet ta' kull wieħed.

100. Ir-raba' nett, tali konċepiment tal-medjazzjoni bħala fażi preċedenti għall-fażi deċiżjonali hija applikabbli iktar, differenti mill-ilment, li ma huwiex segwit min sentenza jekk jagħti sodisfazzjon lill-persuna li kienet qed tqis ruħha ppreġudikata, peress li l-fażi ta' medjazzjoni twassal għal proċedura ta' natura ġudizzjarja jekk il-kontenut tal-ftehim li seħħ bejn il-partijiet isir eżekuttiv[76]. Dan

66 ĠU 2008, L 136, p. 3. Dan l-Artikolu 3(a) jistipula li medjazzjoni tfisser "proċess strutturat, irrispettivament minn kif inhu msemmi jew minn kif issir referenza għalih, li permezz tiegħu żewġ partijiet jew aktar f'disputa jippruvaw, bejniethom fuq bażi volontarja jilħqu ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tad-disputa tagħhom bl-assistenza ta' medjatur. Dan il-proċess jista' jinbeda mill-partijiet jew jiġi suġġerit jew ordnat minn qorti jew ikun preskritt mil-liġi ta' Stat Membru. Din tinkludi medjazzjoni magħmula minn imħallef li ma jkunx responsabbli għal kwalunkwe proċediment ġuridiku rigward id-disputa konċernata. Hija teskludi tentattivi magħmula mill-qorti jew l-imħallef invokati biex jiddeċiedu disputa fil-kors tal-proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tad-disputa konċernata".

67 Sabiex jitfakkar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u l-possibbiltà għall-Istati Membri li jestenduh għall-proċessi ta' medjazzjoni interna, ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Menini u Rampanelli (C-75/16, EU:C:2017:457, punti 31 u 33).

68 Fuq id-distinzjoni mal-konċiljazzjoni, ara s-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Alassini *et* (C-317/08 sa C-320/08, EU:C:2010:146, punti 34 sa 36).

69 Għandha titqabbel is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Menini u Rampanelli (C-75/16, EU:C:2017:457, punt 50).

70 Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Menini u Rampanelli (C-75/16, EU:C:2017:457, punti 48 u 49).

71 Għandha titqabbel il-premessa 19 tad-Direttiva 2008/52, li tipprevedi li "[i]l-medjazzjoni m'għandhiex tiġi meqjusa bħala alternattiva inferjuri għall-proċedimenti ġudizzjarji fis-sens li l-konformità ma' ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni ikun jiddependi mir-rieda tajba tal-partijiet".

72 Ara, fl-istess sens, Bruyr, B., u Dambly, P., *op. cit.*, punt 19.

73 Ara l-Artikolu 1731(3) tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Ara, ukoll, il-premessa 24 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/52.

74 Punt 23 ta' din is-sentenza.

75 Fil-punt 25 ta' din is-sentenza, il-kliem huwa s-segwenti: "[…] l-interessi tiegħu bħala persuna assigurata jeħtieġu li jiġu protetti".

76 Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/52 kif ukoll, fil-kawża prinċipali, l-Artikoli 1733 u 1736 tal-Kodiċi Ġudizzjarju u -nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

għandu sussegwentement jiġi rrikonoxxut u ddikjarat eżekuttiv fl-Istati Membri l-oħra abbażi, b'mod partikolari, tar-regolamenti li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali [77] bħal kull deċiżjoni mogħtija minn organu ġudizzjarju li tista' tiċċirkola fi ħdan l-Unjoni.

101. Barra minn hekk, jista' jitressaq ukoll argument prattiku. Kif jista' jiġi kkonċepit li l-avukat jew ir-rappreżentant magħżul waqt din it-tieni fażi ġudizzjarja ma jkunx dak li jkun assista lill-persuna assigurata matul il-fażi preċedenti? L-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant timponi ruħha, fil-fehma tiegħi, bħala garanzija ta' effettività u ta' tnaqqis tal-ispejjeż.

102. Il-ħames nett, jiena tal-fehma wkoll li l-fatt li l-persuna assigurata għall-ispejjeż legali tiġi żgurata l-għażla libera ta' avukat jew ta' rappreżentant, f'każ ta' medjazzjoni, tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tal-għan li "tiffaċilita l-aċċess għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' disputi u li tippromwovi r-riżoluzzjoni amikevoli ta' disputi", iddikjarat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/52 [78].

103. Konsegwentement, nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra taħt dan l-aspett ġdid l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-għażla libera ta' avukat jew ta' rappreżentant minn persuna assigurata għall-ispejjeż legali. Fil-fatt, waqt it-tfassil tad-Direttiva 87/344, l-għan ta' promozzjoni ta' metodi alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim, iddikjarat fl-Artikolu 81(2)(g) TFUE [79], ma kienx jippreżenta l-istess livell ta' importanza.

104. Dan ma għadux japplika minħabba l-kuntest ta' żieda esponenzjali ta' kawżi li ilhom jesperjenzaw ħafna Stati Membri matul dawn l-aħħar għaxar snin [80].

105. Konstatazzjoni identika tista' ssir fir-rigward tal-kawżi tal-konsumaturi. Fil-fatt, l-istess tħassib għal titjib tal-aċċess għall-ġustizzja, li twassal sabiex jiġi ppreferut l-użu ta' metodi bonarji ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, wassal għat-tfassil tad-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) [81].

106. Għalhekk, ma jkunx koerenti mas-sistema li tirriżulta mid-Direttiva 2009/138 intiża sabiex tipproteġi b'mod wiesa' d-drittijiet tal-persuni assigurati, minn naħa, u d-direttivi relatati mal-metodi bonarji sabiex jiġu riżolti t-tilwimiet li għandhom l-istess għan billi jintużaw metodi alternattivi minflok it-tressiq ta' kawżi quddiem qorti tal-Istat, min-naħa l-oħra, li l-persuna assigurata għall-ispejjeż legali ma tiġix permessa li tagħżel avukat jew rappreżentant b'mod liberu.

107. Il-kamp privileġġjat tar-rikors għall-medjazzjoni li huwa dak tal-kawżi tal-ħajja ta' kuljum, bħall-kunflitti tal-ġirien, kawżi familjari jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol jimmilitaw ukoll f'dan is-sens.

77 Ara l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/52, moqri fid-dawl tal-premessa 20 tagħha, li jirrigwarda, bħala eżempju, b'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), issa r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2012, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L. 351, p. 1).

78 Għandu jiġi osservat li t-termini "proċeduri ġudizzjarji", li jinsabu f'dan l-artikolu, għandhom jinqraw fid-dawl tas-sentenzi Massar u AK, li l-portata tagħhom hija dik li qed nipproponi li tuża l-Qorti tal-Ġustizzja.

79 Li kien l-Artikolu 65 TKE. It-test li jinsab fil-paragrafu (g) żdid bit-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea fl-Artikolu 2, punt 66 (ĠU 2007, C 306, p. 1).

80 Ara, fir-rigward tal-għan li jitnaqqas il-piż tal-qrati f'ċerti Stati Membri, b'mod partikolari, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Alassini *et* (C-317/08 sa C-320/08, EU:C:2010:146, punt 64), dwar rikorsi ġudizzjarji f'ċerti kawżi bejn fornituri u utenti finali li jaqgħu taħt id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367). Skont l-Artikolu 34 ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu pprovduti proċeduri extra ġudizzjarji trasparenti, sempliċi u ekonomiċi li jippermettu li tilwim li fihom konsumaturi jkunu partijiet u li jirrigwardaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt din id-direttiva jiġu riżolti b'mod ġust u malajr (sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Alassini *et* (C-317/08 sa C-320/08, EU:C:2010:146, punt 38)).

81 ĠU 2013, L 165, p. 63. Ara, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Menini u Rampanelli (C-75/16, EU:C:2017:457, punti 39 u 40).

108. Is-sitt nett, f'perspettiva iktar wiesgħa, inqis li interpretazzjoni tal-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" limitata biss għal "proċeduri ġudizzjarji" tista' tippreżenta, fil-futur, riskji li għalihom nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, ma għandniex inżommu f'moħħna l-fatt li t-tfittxija kostanti ta' metodi intiżi sabiex jippreferu l-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri tista' twassal sabiex jittieħdu miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jittrasferixxu setgħat tradizzjonalment eżerċitati mil-qrati lil korpi ċivili jew amministrattivi inkarigati li jfittxu l-ksib ta' qbil tal-partijiet? Issa, meta tali ftehim jingħata natura ġudizzjarja, il-kwistjoni tal-għażla tal-avukat ikollha l-istess intensità [82].

109. Konsegwentement, il-kuntest ġudizzjarju li fih jista' jidħol il-proċess jew l-att jikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, il-kriterju ta' applikazzjoni tal-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138 [83]. B'hekk, ma narax li jista' jaqa' taħt din id-dispożizzjoni dak kollu li huwa ta' natura kuntrattwali, bħat-tranżazzjoni, jew dak li jikkostitwixxi servizzi [84], qabel ma jkun hemm tilwima, bħat-tfittxija jew l-iskambju ta' informazzjoni jew inkella l-parir.

110. Tali limitazzjoni tikkostitwixxi, fil-fehma tiegħi, risposta adattata għat-tħassib leġittimu li jistgħu jqajmu l-konsegwenzi ta' portata wisq estensiva tal-prinċipju tal-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant żgurata lill-persuna assigurata għall-ispejjeż legali kif ukoll għar-riskju li tonqos fix-xejn il-portata tal-Artikolu 200(4) tad-Direttiva 2009/138.

111. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, inqis li, b'mod konformi mas-sentenzi Massar u AK, ma hemmx lok li l-kunċett ta' "proċedura ġudizzjarja" jiġi interpretat b'mod differenti mill-kunċett ta' "proċedura amministrattiva", li jwassal sabiex jitqies li l-medjazzjoni tikkostitwixxi fażi preċedenti għall-fażi deċiżjonali bħal kull ilment f'każ ta' proċedura amministrattiva u tista', f'ċerti każijiet, tkun fażi tal-proċedura ġudizzjarja.

112. Din l-interpretazzjoni ma hijiex, fil-fehma tiegħi, tali li tista' tiġi kkontestata fid-dawl tal-kontenut tad-dritt Belġjan fil-qasam tal-medjazzjoni mmexxija minn medjatur approvat [85].

113. Fil-fatt, fl-ewwel lok, bħall-Kmamar tal-Avukati, nirrileva li r-regoli applikabbli għall-medjazzjoni ġew ikkodifikati fil-Kodiċi Ġudizzjarju, irrispettivament minn jekk hijiex ġudizzjarja jew extra ġudizzjarja, jiġifieri jekk ġietx ordnata minn qorti jew le.

114. Fit-tieni lok, l-approvazzjoni tal-ftehim li jintlaħaq bejn il-partijiet jagħtiha l-forza eżekuttiva tagħha. Jiena tal-fehma, kuntrarjament għall-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni, li l-istħarriġ dwar jekk huwiex kuntrarju għall-ordni pubbliku u għall-interess tal-wild [86] għandu natura ġudizzjarja inkwantu jimplika evalwazzjoni tal-mertu li tmur lil hinn minn sempliċi eżami formali, kif turi l-ġurisprudenza tal-Unjoni f'dan il-qasam [87].

82 Ara, f'dan ir-rigward, in-nota ta' qiegħ il-paġna 64 tal-konklużjonijiet tiegħi tal-14 ta' Settembru 2017 fil-Kawża Sahyouni (C-372/16, EU:C:2017:686), li fiha ċċitajt lil Hammje, P., "Le nouveau règlement [Nru 1259/2010]", *Revue critique de droit international privé*, 2011, Nru 2, p. 291 sa 338, b'mod partikolari p. 299, punt 7, li jipprevedi li "[k]emm il-qrati fis-sens strett, u kemm l-awtoritajiet amministrattivi, jiġifieri n-nutara jkollhom japplikaw ir-regoli l-ġodda, li jkopru permezz tal-istess forom varjati ta' divorzju, li jvarjaw minn proċedura ġudizzjarja għal att privat awtentikat li sempliċiment ġie ċċertifikat, jekk ma huwiex divorzju purament privat. Dak li jgħodd huwa s-suġġett tal-proċedura, mhux il-modalitajiet tagħha". Ara, ukoll, Cimamonti, S., "La déjudiciarisation, une notion ambiguë", *La médiation, expériences, évaluations et perspectives, Actes du Colloque du jeudi 5 juillet 2018, organisé par la Mission de recherche Droit et Justice à l'Auditorium du ministère de la Justice*, p. 6 sa 9, b'mod partikolari l-aħħar paragrafu tal-p. 7 u p. 8 "definizzjoni".

83 Għandu jitqabbel il-kliem tal-ħdax-il premessa tad-Direttiva 87/344. Ara l-punt 62 ta' dawn il-konklużjonijiet.

84 Fir-rigward ta' din id-distinzjoni, ara l-ewwel parti tal-Artikolu 198(1) tad-Direttiva 2009/138, li tipprevedi t-teħid ta' responsabbiltà tal-ispejjeż li jaffettwaw dawn is-servizzi. Ara, ukoll, in-nota ta' qiegħ il-paġna 14 ta' dawn il-konklużjonijiet.

85 Ara l-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

86 Ara t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1733 tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

87 Ara, bħala eżempju, f'każ ta' użu tal-kunċett ta' "ordni pubbliku" sabiex ma tiġix irrikonoxxuta deċiżjoni minn Stat Membru ieħor, is-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2014, flyLAL-Lithuanian Airlines (C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 47), u tas-16 ta' Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471, punt 42).

115. Fit-tielet lok, il-kwistjoni tan-natura mhux obbligatorja tal-approvazzjoni ma jidhirlix li hija rilevanti, peress li s-sempliċi possibbiltà li tirrikorri għaliha hija determinanti bħall-fażi li tirrikorri għal qorti li tista' tiġi wara fażi ta' lment[88].

116. Konsegwentement, l-estensjoni tal-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant mill-persuna assigurata għall-ispejjeż legali, kif prevista mil-leġiżlatur Belġjan, ma tistax, fil-fehma tiegħi, tiġi limitata għall-arbitraġġ, peress li hija fondata fuq il-kunċett ta' "proċedura", meħud fis-sens ristrett tiegħu, jiġifieri dik li hija mibdija quddiem qorti sabiex tiġi deċiża tilwima. Issa, inqis li din għandha tiġi interpretata f'sens wiesa' u, barra minn hekk, irrispettivament minn kull kunsiderazzjoni finanzjarja[89], skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

## V. Konklużjoni

117. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domanda preliminari mressqa mill-Grondwettelijk Hof (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju) bil-mod segwenti:

L-Artikolu 201(1)(a) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li leġiżlazzjoni nazzjonali teskludi l-għażla libera tal-avukat jew tar-rappreżentant minn persuna assigurata għall-ispejjeż legali f'każ ta' medjazzjoni ġudizzjarja jew extra ġudizzjarja.

88 Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 100 ta' dawn il-konklużjonijiet.

89 Ara s-sentenzi Massar (punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata) u AK (punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata), fejn il-prinċipji mfakkra għall-interpretazzjoni tad-Direttiva 87/344 japplikaw għad-Direttiva 2009/138, kif ġie indikat fil-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.